**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta' Marzu 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Abdirizaaq Ismail Jamaa**
**Karta tal-Identità Maltija bin-numru 0122260A**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Abdirizaaq Ismail Jamaa** li ġie akkużat talli it-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-jiem u l-ġimgħat ta' qabel ġewwa Paceville San Ġiljan u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Biegħ jew xort' oħra ttraffika l-pjanta ***Cannabis*** kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess żmien, lok u ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu** liema reat sar ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta biex dan il-każ jiġi trattata minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti proċesswali l-oħra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk il-Qorti, wara li rat id-dokumenti u l-esebiti, hija sodisfatta li dawn ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi minn ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputat jirriżulta li din hija netta.

Illi ai fini ta' piena l-Qorti evalwat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali, l-ammont ta' sustanza illeċita li nstabet fil-pussess tiegħu u wkoll in-natura serja tar-reati u se tkun qed tikkundanna lill-imputat għal piena karċerarja u għall-ħlas ta' multa skont il-liġi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 8 (d) u (e) u artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat **Abdirizaaq Ismail Jamaa** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **għaxar (10) xhur priġunerija effettiva u għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt Ewro (€500)**.

Il-Qorti qiegħda tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita bħala Dokument CG8 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**